MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 399/2006

***Mira Motor Sales Limited***

***Versus***

**1. Ray Zammit f'ismu personalment għal kull interess li jista' jkollu kif ukoll bħala eżerċenti l-kummerċ fl-isem *Ray Auto Dealer* u in rappreżentanza tas-soċjetà *Raymond Auto Dealer Limited*;**
**2. George Xuereb eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem *Autopaint International*;**
**3. Andrew Mifsud f'ismu proprju u in rappreżentanza ta' *Androxa Furniture Limited*;**
**4. Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, u 5. *Licencing and Testing Department* għal kull interess li jista' jkollhom, u b'dikriet tat-12 ta' Novembru 2010 l-Awtorità għat-Trasport f'Malta bħala suċċessur tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, u tal- *Licencing and Testing Department* assumiet l-atti minflok dawk il-konvenuti; u**

**6. b'dikriet tat-2 ta' Diċembru 2008 issejjaħ fil-kawża Ivan Mamo**

1. F'din il-kawża l-attriċi qiegħda tfittex li tieħu lura vettura li nbigħet *sub hasta* wara li nqabdet minn terzi.
2. L-attriċi fissret illi hija kienet bigħet lill-konvenuta *Androxa Furniture Limited* ["*Androxa*"] bi ftehim ta' *hire-purchase* il-vettura tal-marka *Isuzu Trooper* bir-reġistrazzjoni AND 538. *Androxa* waqgħet lura fil-ħlasijiet u għalhekk qatt ma saret sidt il-vettura.
3. Kredituri oħra ta' *Androxa*, fosthom il-konvenut George Xuereb, fetħu proċeduri kontra tagħha li wasslu biex il-vettura nqabdet b'mandat numru 2571/2005 u nbigħet fil-bejgħ *sub hasta* numru 14/2006 fl-ismijiet <u>George Xuereb *et versus* Andrew Mifsud *et*</u>. Dan il-bejgħ sar minkejja l-oppożizzjoni tal-attriċi, li iżda ġiet verbalizzata fl-atti tal-bejgħ biex kull min ħa sehem ikun jaf illi l-vettura ma kinitx ta'*Androxa* iżda tal-attriċi.
4. Billi, minkejja dan, is-soċjetà konvenuta *Raymond Auto Dealer Limited* xorta xtrat il-vettura, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

i. tgħid illi l-vettura hija proprjetà tal-attriċi;

ii. tħassar l-esekuzzjoni tal-mandat numru 2571/2005;

iii. tħassar u tgħid illi ma jiswiex id-dikriet tat-3 ta' Mejju 2006 li ordna l-bejgħ *sub hasta* tal-vettura;

iv. tgħid illi qabel ma l-attriċi titħallas il-bilanċ kollu tal-prezz, il-vettura ma tista' tiġi trasferita lil ħadd mingħajr il-kunsens tal-attriċi; u

v. tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom għandu l-vettura f'idejh irodduha lill-attriċi.

5. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż.
6. Il-konvenut George Xuereb ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

i. hu ma għandu ebda relazzjoni ġuridika mal-attriċi u għalhekk għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

ii. tul il-proċeduri tal-bejgħ *sub hasta* hu dejjem qagħad għall-ordnijiet mogħtija mill-qorti u għalhekk ma għandu jġarrab ebda preġudizzju minħabba l-azzjoni tal-attriċi;

iii. għandu jgħodd il-prinċipju illi *vigilantibus non dormientibus iura succurrunt* u l-attriċi ma tistax titfa' l-ħtija

tan-nuqqas tagħha li tiġbor flusha mingħand id-debitur tagħha fuq l-eċċipjent; u

iv. illum il-proċeduri tal-bejgħ *sub hasta* ġew finalizzati u l-vettura kienet ġà ġiet trasferita mill-attriċi lill-konvenut debitur; għalhekk, għalkemm jista' jkun illi l-attriċi għad għandha drittijiet kontra d-debitur tagħha biex tiġbor flusha ma għandhiex drittijiet fuq il-vettura.

7. L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta ["l-Awtorità"] ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

i. il-*Licensing and Testing Directorate* huwa direttorat fi ħdan l-Awtorità u l-mansjoni tiegħu taqa' taħt l-istess Awtorità;

ii. l-Awtorità ma hijiex kontradittriċi leġittima għax ma tidħolx f'tilwimiet ċivili ta' ħlasijiet;

iii. l-Awtorità għandha d-dmir illi tittrasferixxi vettura fuq isem ġdid ladarba jkun hemm il-kunsens tal-partijiet interessati;

iv. fil-każ tallum l-Awtorità għamlet trasferiment tal-vettura AND 538 fl-4 ta' Mejju 2006 wara ordni tal-qorti tat-3 ta' Mejju 2006 fl-atti tal-bejgħ *sub hasta* numru 14/2006;

v. fuq ordni tal-qorti l-Awtorità ma setgħetx twaqqaf jew iżżomm milli jsir it-trasferiment tal-vettura;

vi. flimkien mal-ordni tal-qorti l-Awtorità ġiet preżentata wkoll b'*log book* iffirmat u għalhekk kellu jsir it-trasferiment; u

vii. quddiem din is-sitwazzjoni – l-ordni tal-qorti flimkien mad-dokumenti kollha meħtieġa, l-Awtorità irreġistrat it-trasferiment.

8. Il-konvenut Raymond Zammit ressaq l-eċċezzjoni illi għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax ma ħa ebda sehem fil-bejgħ *sub hasta*.

9. *Raymond Auto Dealer Limited* ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

i. il-mandat ta' qbid u l-bejgħ *sub hasta* saru kif trid il-liġi u għalhekk jiswew u ma jistgħux jitħassru;

ii. il-liġi taħseb għal proċeduri speċifiċi biex jitwaqqaf bejgħ *sub hasta* iżda l-attriċi naqset milli tinqeda b'dawn il-proċeduri u issa ma tistax tinqeda b'xi rimedju ieħor;

iii. [it-tielet eċċezzjoni hija l-istess bħall-ewwel waħda];

iv. it-trasferiment tal-vettura ġà sar u għalhekk kull dikjarazzjoni mitluba fir-raba' talba tal-attriċi ma tistax tintlaqa'; u

v. il-vettura reġgħet ġiet trasferita lil terzi u għalhekk l-eċċipjenti ma tistax troddha għax ma hijiex f'idejha u ma għadhiex is-sid tagħha.

10. Il-konvenut Andrew Mifsud ressaq l-eċċezzjoni illi meta nxtrat il-vettura mingħand l-attriċi hu deher mhux f'ismu proprju iżda f'isem *Androxa* u għalhekk l-azzjoni għandha titkompla kontra *Androxa* u mhux kontrieh.

11. *Androxa* ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

i. tassew illi kellha problemi finanzjarji u għalhekk għalkemm ħallset aktar minn tlitt elef lira (>Lm3,000) ma ħallsitx il-prezz kollu;

ii. barra din il-kawża, l-attriċi ippreżentat ukoll ittra uffiċjali kontra l-eċċipjenti biex tikseb titolu esekuttiv għall-ħlas tal-kambjalijiet;

iii. għalhekk l-attriċi ma tistax titlob kemm il-ħlas tal-bilanċ tal-prezz kif ukoll li tieħu lura l-vettura;

iv. l-eċċipjenti ma tistax trodd il-vettura għax ma għadhiex f'idejha billi nbigħet *sub hasta*; u

v. l-eċċipjenti ma għandhiex tbati spejjeż.

12. Wara li b'dikriet tat-2 ta' Diċembru 2008[1] issejjaħ fil-kawża Ivan Mamo, dan ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

i. huwa xtara l-vettura *in bona fide* mingħand *Raymond Auto Dealer Limited* meta d-dokumenti relativi kienu regolari; u

ii. il-vettura li għandu f'idejh hija reġistrata ABO 286 u mhux AND 538, u kien b'din ir-reġistrazzjoni illi xtraha – din l-eċċezzjoni kienet ingħatat għax il-vettura nbidlitilha r-reġistrazzjoni[2]; billi, iżda, baqgħet l-istess vettura ma huwiex meħtieġ li nqisu aktar din l-eċċezzjoni.

13. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk: B'kitba tat-13 ta' Mejju 2002[3] l-attriċi biegħet lil *Androxa* vettura tal-marka *Isuzu Trooper* bil-prezz ta' tlittax-il elf u tmien mija u disgħa u tmenin lira (Lm13,889) li minnhom tħallsu elf, sitt mija u disgħa u tmenin lira (Lm1,689) mal-konsenja u għall-bilanċ ta' tnax-il elf u mitejn lira (Lm12,200) u l-imgħaxijiet relativi nħarġu sittin (60)

---

[1] *Foll.* 80 *et seq.*

[2] Ara x-xiehda ta' Brian Farrugia tad-19 ta' Frar 2010, *fol.* 100.

[3] *Foll.* 7 *et seq.*

kambjala għal-mitejn u tnejn u ħamsin lira (Lm252) kull waħda li kellhom jitħallsu waħda kull xahar.

14. Fost il-pattijiet tal-ftehim hemm dawk li jgħidu hekk:

«4. Until the sum of Lm _________ plus interest accrued thereon is paid in full by the Hirer [*Androxa*] to the Seller [l-attriċi] the said ____________ shall remain the sole and absolute property of the Seller. Upon the full payment of the said balance and interest the said ______________________ shall become the property of the Hirer.

«5. It shall be deemed absolutely unlawful for the Hirer to dispose of the said _________ in any way whatsoever, until full and final payment of the said balance and interest has been effected.

«6. The said vehicle shall be kept registered in the name of the Seller … … … until such time as the full and final payment of the said balance is made.

«… … …

«8. In … … … default of two consecutive payments or an amount equivalent to two payments, the Seller will have the right to claim the whole amount due at the time as well as the right to withdraw the said ____________ from the Hirer and have same valued and sold. … … …»

15. Fis-7 ta' Awissu 2002 ingħata avviż tat-trasferiment tal-vettura lil-*Licensing and Testing Department*, u l-bejjigħ u x-xerrej flimkien għamlu din it-talba u stqarrija[4]:

«Since this vehicle is being sold on hire-purchase terms we hereby request that although the road licence and registration be transferred onto the purchaser, the said purchased vehicle will not be transferred onto third parties unless the seller gives his consent in writing.

«We hereby declare and acknowledge that the Licensing and Testing Department in accepting this agreement is making an *ex gratia* concession and that no civil liability attaches to the Government, the Licensing and Testing Department, or to any official or employee of the said Department would [*sic*] there occur, through error or omission, any failure to comply with this request.»

16. Minkejja dak li jingħad fil-patt numru 6 tal-kitba tat-13 ta' Mejju 2002 iżda kompatibilment ma dak li jingħad fl-

---

[4] *Fol.* 9.

avviż tas-7 ta' Awissu 2002, il-vettura ġiet reġistrata f'isem *Androxa* u l-liċenza tal-vettura wkoll inħarġet fuq *Androxa*, għalkemm fuq id-dokument ta' reġistrazzjoni[5] hemm imniżżel dan il-kliem "*Transfer & Export to be Authorised by* LTD [*sic*]"

17. Ġara illi *Androxa* waqgħet lura fil-ħlasijiet lill-attriċi u kellha wkoll tagħti lil terzi, fosthom il-konvenut George Xuereb. Dan kiseb mandat ta' qbid fuq il-vettura u, billi kellu titolu esekuttiv, kiseb ukoll illi l-vettura tinbigħ *sub hasta*. Fil-jum appuntat għall-bejgħ l-attriċi ppreżentat nota[6] fl-atti tal-bejgħ li biha għarrfet lill-qorti illi l-vettura li kienet sejra tinbigħ "għadha proprjetà tagħha u li għalhekk trasferimenti tal-vettura huma ristretti". Waqt il-bejgħ ukoll l-avukati tal-attriċi għarrfu b'dan lil dawk li dehru biex jagħmlu offerti.

18. Minkejja dan il-bejgħ sar u l-ogħla offerta kienet dik ta' *Raymond Auto Dealer Limited*, u l-vettura ġiet reġistrata f'isem din is-soċjetà. Wara, *Raymond Auto Dealer Limited* bigħet il-vettura lill-konvenut Ivan Mamo u llum hija reġistrata f'isem Ivan Mamo.

19. Minn dan kollu jidher mill-ewwel illi l-konvenuti Ray Zammit u Andrew Mifsud *proprio* kienu dehru biss fi kwalità rappreżentativa u għalhekk, safejn ġew imħarrka *proprio*, ġew imħarrka ħażin. Il-qorti għalhekk teħlishom mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

20. Dwar il-proprjetà ta' vettura bil-mutur, l-Avviż Legali numru 446/2004 – ir-Regolamenti tal-2004 dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur –, li kien jirregola l-materja fiż-żmien relevanti, igħid illi:

«"sid" tfisser il-persuna, kemm bħala individwu jew f'rappreżentanza ta' kumpannija, azjenda bi sħubija jew soċjetà kooperattiva, li jkun f'isimha li vettura bil-mutur ikollha liċenza u, jew tkun reġistrata.»

21. Għalkemm din it-tifsira hija maħsuba biss għall-għanijiet tar-Regolamenti nfushom, madankollu, billi l-vetturi bil-mutur huma mobbli reġistrati, il-proprjetà tagħhom hija dik li tidher fuq ir-reġistru, għallinqas sakemm ma jintweriex mod ieħor. Fil-każ tallum, minkejja l-ftehim bejn l-attriċi u *Androxa* illi, sakemm ma jkunx

[5] *Fol*. 10.
[6] *Fol*. 12.

tħallas il-prezz kollu, l-attriċi tibqa' sidt il-vettura, l-istess vettura ġiet reġistrata f'isem *Androxa*. Dan ifisser illi, għalkemm fir-relazzjonijiet bejn bejjigħ u xerrej baqa' jitqies il-bejjigħ bħala sid, quddiem terzi is-sid kien jidher li kien is-sid reġistrat, *i.e. Androxa*.

22. Fil-fatt, l-attriċi stess għarfet dan, tant illi fil-ftehim ma' *Androxa*, sabiex iżżomm il-proprjetà, kienet stipulat illi "*the said vehicle shall be kept registered in the name of the Seller … … … until such time as the full and final payment of the said balance is made*", għalkemm imbagħad ma insistietx fuq dan il-patt.

23. Għalhekk meta l-konvenut Xuereb kiseb il-bejgħ *sub hasta* tal-vettura kien qiegħed ibigħ proprjetà li dehret li kienet ta' *Androxa,* id-debitur tiegħu, u mhux tal-attriċi. Ladarba l-attriċi ma nqdietx bir-rimedju li tagħtiha l-liġi biex twaqqaf il-bejgħ qabel ma jsir, il-vettura nbigħet validament. L-istqarrija tal-attriċi waqt li kienu qegħdin isiru l-offerti li kienet sidt il-vettura ma setgħetx iżżomm il-bejgħ milli jsir, billi bejgħ *sub hasta* ordnat b'dikriet tal-qorti jista' jitwaqqaf biss b'dikriet *contrario imperio* tal-qorti u mhux bi stqarrija unilaterali ta' parti.

24. Għalkemm id-dipartiment seta', biex joqgħod mat-talba magħmula lilu mill-attriċi u *Androxa*, jirrifjuta li jirreġistra bejgħ magħmul minn *Androxa*, ma setax jirrifjuta li jirreġistra bejgħ ordnat mill-qorti.

25. Għalhekk il-bejgħ *sub hasta* lil *Raymond Auto Dealer Limited* kien jiswa ladarba ma twaqqafx meta kellu jitwaqqaf. Aktar u aktar kien jiswa l-bejgħ magħmul lil Ivan Mamo għax jekk jista' forsi jingħad illi *Raymond Auto Dealer Limited* setgħet tqiegħdet *in mala fide* bl-istqarrija magħmula mill-attriċi waqt li kienu qegħdin isiru l-offerti, Mamo żgur li kien *in bona fide* billi xtara mingħand min kien jidher bħala sid reġistrat bla riżerva.

26. Għal dawn ir-raġunijiet it-talbiet tal-attriċi għat-tħassir *ex post* tal-bejgħ *sub hasta* u għar-radd lilha tal-vettura ma jistgħux jintlaqgħu.

27. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li teħles lill-konvenuti Ray Zammit u Andrew Mifsud *proprio* mill-ħarsien tal-ġudizzju, tiċħad it-talbiet tal-attriċi safejn magħmula kontra l-konvenuti l-oħra, u tikkundanna lill-attriċi tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------